## *F'Għeluq tal-125 mit-Twelid Tiegħu*

# Kif Niftakar lill-Prof. Patri Anastasju Cuschieri

Siltiet bijografiċi minn Charles Coleiro

Kieku kelli ngħodd is-snin ta' tfuliti u nfittex l-isbaħ grajjiet li nibqa' ngħożż, il-ħbiberija li trawmet fil-laqgħat li kelli mal-*Profs*. (kif kien aktar magħruf Patri Anastasju Cuschieri) dak iż-żmien jibqa' għalija l-isbaħ ta' ħajti.

Is-snin rawni nikber fiż-żmien u nikber ukoll fil-ġibda li kelli għall-kitba tal-poeżija. Kellha tkun is-sena 1951, is-sena li fakkret għeluq is-seba' mitt sena mill-għoti tal-labtu mill-Madonna lil San Xmun Stock.

### Il-Ħsad ta' l-Ewwel Frott

Dak iż-żmien fil-kunvent tal-Belt kont immur l-iskola tal-Patrijiet Karmelitani u ftit passi 'l bogħod mill-klassi kien joqgħod f'kamra tal-kunvent il-poeta li fi tfuliti rajt ismu taħt l-ewwel poeżiji li qrajt. Id-dell tiegħu mingħajr biss ma rnexxieli nkellmu nebbaħni biex nikteb poeżija izda qatt ma ġieni l-kuraġġ li mmur nurihielu sakemm feġġet quddiemi l-għajnuna ta' Patri Franco Falzon (Alla jagħtih il-ġenna).

Patri Franco kien id-direttur spiritwali tiegħi meta kont inħoss ġo fija vokazzjoni reliġjuża. Kont tarraftlu li xtaqt niltaqa' mal-Profs. u ma għaddewx wisq ġranet meta t-tnejn flimkien dħalna f'dik il-kamra mgħobbija kotba, kif laqtitni d-dehra tagħhom. Sellimna 'l xulxin u minn taħt l-ilsien tarraftlu li kont tħajjart nikteb poeżija u li kont mort għandu biex jara tgħaddix mill-għarbiel tal-ħaqq tiegħu. B'leħen meqjus u b'dik il-lajma, karatteristika tiegħu, weġibni b'ħarstu f'għajnejja: "ħalli nara xi ktibt."

Għadni niftakru fuq siġġu wara skrivanija u stedinni nersaq aktar qrib biex niflu flimkien dawk l-ewwel versi tiegħi. Kollox ma' kollox għamilli l-ħeġġa biex wara li nibdel xi kelma 'l hawn u 'l hemm nerġa' mmur għandu b'tifsila li toqgħod iżjed aħjar għall-kitba tal-poeżija. Dik l-ewwel poeżija li fakkret l-għoti tal-labtu ħejjitli t-triq għal sensiela ta' laqgħat mal-Professur Anastasju Cuschieri – ħjiel ta' ħbiberija u għożża ta' bniedem għaref li forsi ħtija ta' l-umiltà l-għeluq bejn l-erba' ħitan ta' kamartu, ċaħduh minn iżjed għarfien bħala Malti li ta sehem mhux żgħir lill-wirt kulturali u reliġjuż ta' pajjiżna.

### Saċerdot, Poeta, Oratur

Fiż-żjajjar li kelli għandu kont nintebaħ bil-ħila tiegħu bħala oratur, l-imħabba li kellu għall-ħajja sempliċi u r-rokna li dejjem żamm f'qalbu għal min hu ċkejken fiż-żmien u ċkejken fl-imġiba u li jiċċaħħad mill-foħrija. Qatt ma ftaħar bil-kitbiet tiegħu. Meta darba staqsejtu liema l-iżjed mill-poeżiji kienu għal qalbu, stennejt li jweġibni xort'oħra.

Baqa' jiftakar il-poeżiji li kiteb għat-tfal. Kien iħossu qisu tifel żgħir itenni l-versi tal-poeżiji *Sajjied ta' Xewqtu*, *Il-Bewsa tan-Nanna* u *Il-Farfett*. Iżda darba, ftit xhur qabel ma għalaq għajnejh għall-aħħar darba talabni naqralu t-tmiem ta' waħda mill-isbaħ poeżiji li ħarġu mill-pinna tiegħu *Fis-Santwarju tal-Karmnu*. U lmaħt jaħbi wiċċu b'maktur li għafas ma' għajnejh meta lissint l-għeluq tal-poeżija:

> *...lilek, ja sbejħa,*
> *l-aħħar sejħa,*
> *l-aħħar kelma ta' xoftejja.*

Qatt ma ftaħar bil-kontribut li ta fit-tagħlim tal-filosofija f'pajjiżna u barra minn xtutna. Ma kienx jibża' jgħid is-sewwa u kont sibt okkażjoni nfakkru fil-polemika li qabad mas-senatur Taljan Benedetto Croce li qanqlet qima lejh mill-klassi ta' l-intellettwali. Fit-taħdidiet li kien ikollna flimkien ma qgħadtx lura milli nfakkru wkoll fil-ħila tiegħu bħala oratur. Meta tarraftlu li sirt naf li d-diskors ewlieni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913, kien għamlu hu, weġibni bla tlaqliq "U iva, kont għidt xi ħaġa dwar l-okkażjoni."

Fuq kollox kien bniedem sinċier u jaħseb li kulħadd bħalu. Għadni niftakar b'liema ansjetà kien jirrakkonta l-ġrajjiet ta' l-aħħar gwerra. Kien jemmen fl-awtorità u ħaseb li t-Taljani ta' Mussolini kienu tassew se jferrxu l-fjuri fuq Malta minflok il-bombi. Kien uman bħal ħaddieħor. Ma ninsiex, jum wieħed tax-xitwa, waqt waħda miż-żjajjar tiegħi f'kamartu bi tħejjija għall-passiġġata, aktarx lejn il-Barrakka ta' Fuq, kien qalli, "Illum ma nagħmlu xejn." Indunajt li ħsiebu kien aktar



*Dan ir-ritratt juri lill-Professur Patri Anastasju Cuschieri O. Carm. Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija, qiegħed jagħmel id-diskors ta' l-inawgurazzjoni tal-Monument tas-7 ta' Ġunju 1919, li jinsab fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.*

lejn l-ajru bis-sema li beda jdallam bis-swied tas-sħab. Dakinhar kont qbadtlu dwar il-poeżija moderna iżda bil-ġiri wassalni sal-bieb għax stqarrli, qisu tifel żgħir, "Il-poeżija moderna nħalluha għal darb'oħra għax riesaq il-maltemp u nħoss li għandi noqgħod waħdi." Mhux xi sigriet jekk intenni l-aħbar li kien jibża' mis-sajjetti!

Dan il-patri ta' għerf kbir kien ukoll surmast li jgħallem u jwiddeb fejn kien hemm il-ħtieġa. Meta kont inżuru ta' sikwit biex nurih xi xogħlijiet tiegħi, waqqafli l-ġirja ħesrem u tani x'nifhem li mhux kemm tikteb iżda x'tikteb. Nibqa' niftakar il-frażi li ħareġ biha meta xebbaħ poeżija tajba ma' ikla Maltija bnina. "Il-poeżija bħal borma minestra, iżjed ma toqgħod iżjed issir tajba." U tabilħaqq, minn dakinhar kull vers li bdejt nikteb kont nurih id-dlam u wara xi żmien nagħmel awto-kritika tal-kitba u nsib li rrid insaffi u norqom biex il-kitba toħroġ aħjar.

Il-Professur Patri Ananstasju Cuschieri kien fuq kollox saċerdot Karmelitan li għolla 'l fuq isem il-Madonna fil-qalb tagħna l-Maltin, poeżiji li laqqmu l-poeta tal-Madonna flimkien mat-titlu l-ieħor *tal-Kelma Maltija* għaliex fil-poeżiji tiegħu ħarġet l-imħabba għal dak kollu li hu reliġjuż u Malti. Kien kewkba li dawlet is-sema sabiħ tagħna, waħda mill-kwiekeb li jiddu s-sbuħija madwar il-Madonna fis-Santwarju tagħha li tant kien jgħożż.

Meta ħakmitu l-marda li wasslitu sal-qabar, kont naqqast iż-żjajjar tiegħi għax ħsibt li kont insibu jistrieħ u ftit li xejn kien f'qagħda li jara lil xi ħadd jitħassru. Meta smajt bil-mewt tiegħu u mort narah għall-aħħar darba, ruħi tbikkmet għad-deħra tal-ġisem bla ħajja li farraġ tant qlub u hena daqshekk qarrejja u studenti. Dakinhar li ħareġ mis-Santwarju li ħabb, fl-istess xahar tal-Madonna tal-Karmnu, ma stajtx ma nsellimlux bil-versi li għallimni ninseġ huwa stess.

Ħarġet poeżija minn qalbi u wegħidt lili nnifsi li fil-kitba tal-poeżija nkompli t-triq li qabbadni hu, mafkar ħaj ta' ħidmietu. Hekk li meta sentejn wara mewtu ħriġt l-ewwel ktieb tal-poeżiji tiegħi slitt fuq quddiemnett il-frażi li qalli waqt mixja fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq: "Fil-versi tiegħek naqra l-filosofija ta' dinja ġdida u s-sinċerità li tagħmlek poeta... kompli ikteb."

Għaddew is-snin u kultant inħoss l-eku ta' kelmet il-Profs. idur madwari. Mill-mewt tiegħu l-filosofija tad-dinja ġdida li twieldet f'mewtu, sabet filosofiji oħra li mhux bilfors jaqblu ma' ta' qabilhom. Inħoss li biex tikteb poeżija tajba trid tkun, kif qal, sinċier għaliex il-poeżija hija l-mera tal-qalb li tħoss, kif ħarġu mill-qalb il-poeżiji patrijottiċi ta' Cuschieri u b'għożża u ħlewwa l-versi Marjani li flimkien ma' oħrajn tat-tfulija jagħmlu trittiku li ma jnawrux iż-żmien – monument li ma jġarrfux il-bniedem u ma jaħsduhx l-irwiefen.

Għaliex *il-poeta jmut 'ma l-għanja tibqa!*

**"Hic et Ubique"**
**Fil-Mewt tal-Prof. P.A. Cuschieri**

Mill-knisja li ħabbejt u nsiġt b'tant qima
l-għanjiet tal-Karmnu u l-isbaħ poeżija
ħriġt l-aħħar darba u miegħek it-tislima
ta' min rawwimt u għallimt dil-ħbiberija.

Ma ninsa qatt il-jum, il-ħajja, il-ħlewwa
ta' l-ewwel darba meta bdejt turini
indomm il-versi biex ingħaraf sewwa
l-oqsma li xettilt int, fejn ridt tmexxini.

Għalija tibqa' l-ferħ, il-lehma, il-ġibda
għal dak li hu qaddis, il-ward tal-ġonna
li int saqqejt u li kull sena jibda
jiftaħ sabiħ fix-xahar minn tal-Madonna.

Ismek fuq l-art marbut b'**Kelma Maltija**,
fis-sema nktibt **Poeta ta' Marija**!

*29 ta' Lulju 1962* — ***Charles Coleiro***